# Kelma tal-Ħajja

ĠUNJU 2025
ĦARĠA 6

## "Agħtuhom intom x'jieklu" (*Lq* 9, 13).

Ninsabu f'post ftit 'il barra minn Betsajda, fil-Galilija, fejn Ġesù kien qed ikellem lil ġemgħa kbira ta' nies fuq is-Saltna t'Alla. L-Imgħallem kien mar hemmhekk mal-appostli biex jistrieħu wara l-missjoni twila li kellhom f'dawk l-inħawi, fejn huma ppridkaw il-konverżjoni: "Ħarġu, mela, u bdew iduru l-irħula jxandru l-Bxara t-tajba u jfejqu l-morda kullimkien"[1]. Għajjenin kif kienu, imma b'qalbhom mimlija, bdew jirrakkontaw l-esperjenza tagħhom.

Meta n-nies saret taf li Ġesù u d-dixxipli kienu qegħdin hemm, bdiet tinġabar madwarhom. Ġesù laqa' 'l kulħadd: beda jisma', jitkellem u jfejjaq. Sadattant il-folla bdiet tiżdied, kien riesaq il-lejl u l-ġuħ beda jagħmel ġmielu. L-appostli bdew jinkwetaw u lill-Imgħallem tawh soluzzjoni li kienet tagħmel sens: "Ibgħathom in-nies, ħa jmorru fl-irħula u fl-irziezet tal-qrib, biex isibu fejn jistrieħu u jieklu xi ħaġa". Wara kollox, Ġesù kien ġa għamel ħafna… Imma hu weġibhom:

**"Agħtuhom intom x'jieklu".**

Baqgħu mistagħġba għax kif setgħu jitimgħu lil dawk l-eluf kollha ta' nies b'ħames ħobżiet u żewġ ħutiet! Ma kienx possibbli li f'dawk l-inħawi ta' Betsajda jsibu l-ikel kollu meħtieġ u lanqas kellhom il-flus biex jixtruh.

Ġesù ried jiftħilhom għajnejhom. Lilu kienu jinteressawh il-bżonnijiet u l-problemi tan-nies, u hu kien jara kif jagħmel biex isolvihom. Beda b'dak li kellhom f'idejhom, li kien ftit wisq. Imma ried isejħilhom għal missjoni: li jkunu għodda f'idejn il-ħniena ta' Alla li jieħu ħsieb uliedu. Il-Missier jagħmel il-parti tiegħu, imma "għandu bżonnhom".

Il-miraklu "jeħtieġ" li aħna nagħmlu l-parti tagħna u nemmnu, il-bqija jagħmlu hu.

**"Agħtuhom intom x'jieklu".**

Għall-oġġezzjoni tal-appostli Ġesù ta l-għajnuna tiegħu, imma talabhom jagħmlu l-parti sħiħa tagħhom, anki jekk din kienet ċkejkna. Ma solviex il-problema minflokhom, iżda l-miraklu seħħ. Talabhom jagħtu s-sehem tagħhom b'mod sħiħ u dak li kien hemm tqassam bejn kulħadd. Dan kien jitlob sagrifiċċju u fiduċja fih.

L-imgħallem jitlaq minn dak li ngħaddu minnu biex jgħallimna nieħdu ħsieb xulxin. Quddiem il-bżonnijiet ta' ħutna m'għandniex għax inġibu skużi: "din mhix biċċa tagħna", "jien ma nista' nagħmel xejn", "iridu jaraw kif se jsibu soluzzjoni, kif jagħmel kulħadd…". Fis-soċjetà skont il-ħsieb ta' Alla, huma mberkin dawk li jitimgħu lil min hu bil-ġuħ, li jlibbsu 'l-foqra, li jżuru lil min jinsab fil-bżonn.[2]

movimént tal-fokolari

www.focolaremalta.org

**“Agħtuhom intom x’jieklu”.**

Ir-rakkont ta’ din il-ġrajja jfakkarna fit-tixbiha tal-ikla li jirrakkonta dwarha l-ktieb ta’ Isaija, u li Alla stess joffri lill-ġnus kollha, meta hu “jixxotta... d-dmugħ minn fuq kull wiċċ” [3].Ġesù qalilhom biex joqogħdu bilqiegħda ħamsin ħamsin. Bħala Iben, hu jġib ruħu bħall-Missier, u b’hekk jidher biċ-ċar li hu tassew Alla.

Hu stess tana kollox, sar ikel għalina, fl-Ewkaristija, l-ikla ġdida tal-aħwa.

Meta raw il-ħafna bżonnijiet li kien hemm waqt il-pandemija tal-covid-19, il-komunità tal-Fokolari ta’ Barċellona, waqqfu grupp li fih bdew jgħarrfu lil xulxin bil-bżonnijiet li kellhom permezz tal-mezzi soċjali. Bdew jaqsmu bejniethom minn dak li kellhom. Kienet impressjonanti tara kif bdew jagħtu għamara, ikel, mediċini... “Waħedna ftit nistgħu nagħmlu”, imma “flimkien nistgħu nagħmlu ħafna”. Il-grupp “Fent família” għadu sal-lum jgħin biex iseħħ dak li kien isir fl-ewwel komunitajiet insara, fejn ħadd ma kien jonqsu xejn [4].

Silvano Malini u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**1: *Lq* 9, 6.**

**2: Ara *Mt* 25, 35-40.**

**3: *Is* 25, 8.**

**4: Ara *At* 4, 34.**

**ĊENTRU**
**TAL-MOVIMENT**
**TAL-FOKOLARI**
18, ‘Stellaelise’,
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801
E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**